MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Rikors Numru. 8/2008

**Rosalie Darmanin**

**-vs-**

**Il-Prim Ministru; Il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern; Is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja; L-Avukat Ġenerali; Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati; Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili; u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2008 ġie kjamat in kawża Dr. Pio Valletta**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2008 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-esponenti, Rosalie Darmanin illi tirrisjedi ġewwa Flat 5, The Penthouse, No. 44, Triq Amery, Sliema, kellha

relazzjoni intima extra-matrimonjali ma' certu Pio Valletta, illi wara diversi snin ġiet fi tmiemha;

Illi sussegwentement, l-imsemmi Valletta intavola kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Pio Valletta vs Rosalie Darmanin" (Cit Nru: 850/04AF) għal drittijiet li kien qiegħed jippretendi;

Illi tul il-prosegwiment tal-kawża, inqalgħu punti kostituzzjonali fosthom il-ksur tad-drittijiet elenkati f'Artikolu 32 u 45(3) tal-Kostituzzjoni u Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi fil-fatt ġiet intavolata kawża kostituzzjonali fl-ismijiet "Rosalie Darmanin vs Prim Ministru et" (Rik. Nru. 2/2007 JRM);

Illi peress li ġiet intavolata l-kawża kostituzzjonali, sar rikors fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "L-Avukat Dottor Pio Valletta vs Rosalie Darmanin" sabiex il-Qorti tiddeklina milli tkompli tisma' l-kawża u tissoprasjedi sakemm tiġi determinata l-kawża fl-ismijiet "Rosalie Darmanin vs Prim Ministru et", pero' l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor Imhallef Dr. Anna Felice ċaħdet it-talba;

Illi *pendente lite* l-esponenti ġiet a konjizzjoni tal-fatt illi hemm ħbiberija twila bejn Dr. Pio Valletta u l-Onor Imħallef Dr. Anna Felice, li tmur lura għal madwar ħamsa u għoxrin sena meta dawn kienu għadhom isegwu l-istess kors bħala studenti tal-Liġi;

Illi dan l-istat ta' fatt ma jħalli ebda fiduċja lill-esponenti fl-Imħallef li qed tisma' l-kawża għaliex l-istess Qorti żgur li ma tistax tkun indipendenti fil-ġudikat tagħha;

Illi minnufih, l-esponenti għamlet rikors għar-rikuża ta' l-Imħallef sedenti u dan a tenur ta' l-Artikolu 734 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi a tenur ta' l-Artikolu 738(1) tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta, l-Imħallef illi kienet qed tisma' l-kawża, ċaħdet it-talba ta' l-esponenti għar-rikuża *seduta stante*;

Illi bir-rispett kollu, Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jistipola illi:

*"Kull Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbliġi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

Illi bl-istess mod, Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u konsegwentement anke Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula illi:

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbliġi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."*

Illi dan neċessarjament ifisser illi ċ-ċaħda tat-talba għal rikuża mill-Qorti illi qed tisma' l-kawża huwa ksur lampanti tad-dritt ta' l-esponenti għal smiegħ indipendenti u imparzjali.

Illi ġialadarba l-istat Malti rratifika l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u diversi trattati u dikjarazzjonijiet internazzjonali dwar drittijiet tal-bniedem, huwa daħal f'obbligu u ntrabat illi josserva u joqgħod għal dawn it-trattati;

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tiddikjara l-aġir ta' l-istat Malti fil-konfront tagħha bħala wieħed li jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari ta' Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

b) Tiddikjara bħala nulli u bla effett id-dispożizzjonijiet ta’ Artikoli 738 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta’ Malta;

c) Tordna illi l-esponenti jiġi remunerat għal danni inklużi dawk morali konsegwenza ta’ dan l-aġir; u

d) Tagħti kwalunkwe provvediment li tħoss neċessarju.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati l-Prim Ministru, Ministru tal-Ġustizzja u Intern, Segretarju Parlamentari għal Ġustizzja, u l-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-31 ta’ Jannar 2008, li permezz tagħha esponew:

1. Preliminarjament in kwantu qed issir allegazzjoni dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem permezz ta’ digriet tal-Qorti u permezz ta’ artikolu tal-liġi, il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern u s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja m’humiex leġittimi kuntradittturi u għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li huma la jiffurmaw parti mill-fergħa leġislattiva u lanqas mill-fergħa ġudizzjarja ta’ l-istat u għalhekk ma jistgħux iwieġbu għall-lanjanzi tar-rikorrenti.

2. Illi preliminarjament ukoll, in kwantu din il-kawża tista’ taffettwa d-drittijiet ta’ terzi, jista’ jkun opportun li jissejjaħ fil-kawża l-Avukat Pio Valletta.

3. Illi fil-mertu m’hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni Ewropea u dan għar-raġunijiet segwenti.

4. Illi jibda biex jingħad li Cit Nru 850/04 AF fl-ismijiet “Dr. Pio Valletta vs Rosalie Darmanin” hija kawża li tittratta dwar talba għal ritorn ta’ affarijiet proprjeta’ tal-attur. Ir-rikors kostituzzjonali Rik 2/207 JRM fl-ismijiet “Rosalie Darmanin vs Prim Ministru” jittratta dwar allegat

ksur tad-drittijiet fundamentali fl-allegat ineżistenza ta' liġi li tirregola s-serviġi bejn il-konkubini. Iż-żewġ kawżi għalhekk m'humiex relatati flimkien u dan il-fatt seta' kellu effett kbir fuq id-deċiżjoni tal-Qorti li ma tissoprasjedix fil-kawża ċivili, pendenti l-kawża kostituzzjonali.

5. Illi rigward l-allegat ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 738 tal-Kap. 12 u permezz tad-digriet li ċaħad it-talba tar-rikorrent għar-rikuża tal-Imħallef sedenti, l-esponenti jissottomettu li:

a) il-bażi tat-talba għar-rikuża kienet l-allegata ħbiberija bejn l-Imħallef sedenti f'dik il-kawża u d-direttur tas-soċjeta' attriċi peress li dawn kienu fl-istess kors tal-liġi flimkien. Din il-bażi hi waħda mġebbda u inverosimili, speċjalment meta wieħed iqis iċ-ċokon tal-pajjiż tagħna, fejn l-avukati prattikament kollha jafu lil xulxin u lill-ġudikanti. Argument bħal dan iwassalna biss fl-assurdita' li l-ebda avukat ma jista' jidher quddiem ġudikant peress li l-avukati u l-imhallfin kollha għaddew mill-istess kors tal-liġi fl-istess universita'!

b) ir-rekwiżit ta' imparzjalita' kif interpellat fil-ġurisprudenza Maltija u ta' Strasbourg jitlob li biex ikun hemm ksur tiegħu, irid ikun hemm prova fattwali li l-Qorti aġixxiet *with personal bias* kif ukoll li d-dubju dwar l-imparzjalita' ikun ġustifikat oġġettivament. F'dan il-każ m'hemm l-ebda prova li l-Qorti aġixxiet b'dan il-mod u lanqas hemm ġustifikazzjoni oġġettiva għad-dubju mqanqal mir-rikorrenti dwar l-imparzjalita' tal-Imħallef sedenti. Rigward dan it-tieni rekwiżit, l-esponenti jagħmlu referenza għall-każ "Steiner vs Austria" fejn dan ir-rekwiżit ma ġiex pruvat lanqas meta l-Imħallef kien membru fl-istess għaqda tal-istudenti bħala parti minnhom!

c) ir-rekwizit tal-imparzjalita' jitlob ukoll li l-imħallef ikun preżunt imparzjali sakemm ikun ippruvat mod ieħor. Dan huwa prinċipju aċċettat anke fil-ġurisprudenza Maltija.

d) l-imparzjalita' titlob ukoll li wieħed jara l-proċedura in kwistjoni b'mod sħiħ u mhux janalizza xi digriet jew ieħor b'mod iżolat. Lanqas f'dan ir-rigward ma jidher li bħala proċedura l-Qorti mielet lejn naħa aktar milli lejn oħra għal xi raġuni lil hinn mil-liġi.

e) rigward l-allegazzjoni tal-ksur ta' dawn iż-żewġ artikoli permezz ta' l-artikolu 738 tal-Kap. 12, ir-rikorrenti naqsu li jagħtu dettalji dwar kif seħħ dan l-allegat ksur u għalhekk l-esponenti jitolbu iktar elaborazzjoni dwar din l-allegazzjoni.

f) illi l-esponenti jistrieħu fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "Onor. Imħallef Dr. Anton Depasquale vs Avukat Ġenerali" deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 dwar l-artikolu 738 tal-Kap. 12 u l-applikazzjoni tiegħu.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrihom.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Direttur Ġenerali tal-Qrati u tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali preżentata fl-1 ta' Frar 2008 li permezz tagħha esponew:

1. Illi, preliminarjament, l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, *stante* illi kemm id-Direttur tal-Qrati kif ukoll ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri kif indikat fl-att promotorju ma jeżistux, u ilu ma jeżistux mit-30 ta' Marzu 2004, u dana kif aħjar deskritt fl-Avviz Legali 139 tas-sena 2004;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu din il-kawża tista' taffettwa d-drittijiet ta' terzi, għandu jissejjaħ fil-kawża wkoll l-Avukat Dr. Pio Valletta.

3. Illi dwar il-mertu tal-każ, jidher ċar li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u dana

kemm taħt il-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea u dan għar-raġunijiet segwenti.

4. Illi dwar il-kwistjoni ta’ soprasessjoni illi eventwalment wasslet għall-allegazzjonijiet odjuzi u skappriċċjanti tar-rikorrenti illi l-Imħallef sedenti għandha relazzjoni ta’ ħbiberija twila ma’ l-avukat Dr. Pio Valletta, għandu jingħad is-segwenti:

a) L-ewwel u qabel kollox, il-kawża fl-ismijiet “Dr Pio Valletta vs Rosalie Darmanin” (Cit Nru: 850/04AF), li fiha seħħ kemm ir-rifjut għas-soprasessjoni kif ukoll ir-rifjut għar-rikuża ta’ l-Imħallef sedenti, hija kawża li tittratta dwar ritorn ta’ oġġetti proprjeta’ ta’ Dr. Valletta wara illi temm ir-relazzjoni illi kellu ma’ l-intimata Darmanin.

b) Ir-rikors kostituzzjonali Rik 2/207 JRM fl-ismijiet “Rosalie Darmanin vs Prim Ministru”, li abbażi tiegħu r-rikorrenti kienu talbu soprasessjoni tal-Qorti, tittratta dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali fl-allegat ineżistenza ta’ liġi li tirregola s-serviġi bejn il-konkubini.

c) Illi, għalhekk huwa ċar daqs il-kristall illi ma hemm assolutament l-ebda ness kwalsiasi bejn dawn iż-żewġ kawżi u l-Imħallef sedenti ċertament ħadet tali fatti in konsiderazzjoni meta ċaħdet ir-rikjesta ta’ soprasessjoni.

5. Illi, għar-rigward l-allegat ksur ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni meta ġew applikati l-effetti ta’ l-artikolu 738 tal-Kap. 12 billi ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti għar-rikuża tal-Imħallef sedenti, l-esponenti jissottomettu li:

a) Il-bażi tat-talba għar-rikuża kienet, kif tallega r-rikorrenti, il-ħbiberija bejn l-Imħallef sedenti f’ dik il-kawża u d-direttur tas-socjeta’ attriċi peress li dawn kienu fl-istess kors tal-liġi flimkien. Dina l-bażi m’għandha l-ebda konfort legali fl-artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, illi jipprovdi l-uniċi istanzi fejn ġudikant jista’ jastjeni jew jiġi rikużat, u għalhekk l-Imħallef sedenti kienet altru milli korretta meta ċaħdet it-talbiet fiergħa tar-

rikorrenti, u dana peress illi r-rikjesta ma kienetx tinkwadra ruħha fir-raġunijiet enunċjati mill-Liġi, u l-istess liġi ma tippermettix interpretazzjoni elastika ta' meta wieħed għandu jastjeni, u dana bil-għan illi tiġi assikurata kjarezza u konsistenza dwar min għandu jisma kawża jew le;

b) Illi l-bażi tat-talba, apparti li hija waħda odjuża u rażenti lejn id-dispreġġjattiv lejn l-integrita' u imparzjalita' tal-Ġudikant, kienet mqajjma biss wara illi l-Qorti ċaħdet it-talba ta' soprasessjoni, u tidher ċar li kien tentattiv *da parte* tar-rikorrent sabiex tpattiha lil u tħammeġ lill-Ġudikant sedenti wara illi hija kienet ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni – tali aġir huwa wieħed li għandu jiġi kkundannat bil-qawwa kollha u ċċensurat, *stante* illi huwa argument assurd u inverosimili, anke tenut kont tal-fatt illi kull avukat li jipprattika fil-Qorti attenda fl-istess kors tal-Liġi illi attenda kull Ġudikant prattikanti, bir-riżultat illi, jekk dak allegat mir-rikorrenti huwa fondat, ma tista' titkompla l-ebda kawża oħra hawn Malta, argument li jidher ċar huwa ntenzjonat biss sabiex titwaqqa' fir-redikolu l-professjoni ta' l-Avukatura u tal-Ġudikatura.

c) Ir-rekwizit ta' imparzjalita', kif interpretat kemm fil-ġurisprudenza Maltija u kif ukoll f'dik ta' Strasbourg, titlob li biex ikun hemm ksur tiegħu, irid ikun hemm prova fattwali li l-Qorti aġixxiet *with personal bias* kif ukoll li d-dubju dwar l-imparzjalita' ikun ġustifikat oġġettivament. F'dan il-każ m'hemm l-ebda prova li l-Qorti aġixxiet b' dan il-mod u lanqas hemm ġustifikazzjoni oġġettiva għad-dubju mqanqal mir-rikorrenti dwar l-imparzjalita' tal-Imħallef sedenti. Huwa nteressanti li wieħed jara illi tali attentati ta' rikuża saru anke f'pajjiżi oħra, u di fatti, fil-każ "Steiner vs Austria" fejn jidher li kien hemm persuna oħra li ttentat dina t-triq ta' rikuża bil-għan illi teħles mill-Ġudikatur, intqal illi d-dubju dwar l-imparzjalita' ma kienx ippruvat lanqas meta l-Imħallef kien membru fl-istess għaqda tal-istudenti bħala parti minnhom!

d) Ir-rekwizit ta' l-imparzjalita' jitlob ukoll li l-Imħallef ikun preżunt imparzjali sakemm ikun ippruvat

mod ieħor. Dan huwa prinċipju aċċettat anke fil-ġurisprudenza Maltija.

e) Biex wieħed jinvestiga l-imparzjalita’ *o meno* ta’ Ġudikant, wieħed huwa obbligat illi jara l-proċess sħiħ tal-kawża, u mhux biss xi digriet jew ieħor b’mod iżolat. Ħarsa lejn l-atti ċertament juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi l-Qorti mxiet strettament skond id-dettam tal-Liġi u ma ffavoriet lil ħadd fil-proċess ta’ tali interpretazzjoni – il-fatt li wieħed jħossu urtat minn deċiżjoni li ma marrietx favur tiegħu hija ħaġa naturali; iżda li wieħed jallega li dina seħħet minħabba “hbiberija twila bejn l-istess Onor Qorti kif komposta u l-imsemmi avukat Valletta” huwa attentat ta’ min jistmerr intiż unikament sabiex iħammeġ lill-Ġudikatura, kemm fuq bażi personali, kif ukoll bħala Korp, u hija intenzjonata biss biex tipprova ttawwal proċeduri ġudizzjarji illi, ċertament huwa fl-interess tar-rikorrenti illi ttawwal, peress illi saru kontriha u saru sabiex hija tiġi żgumbrata mill-fond fejn hija preżentement qiegħda tgħix.

f) Rigward l-allegazzjoni tal-ksur taż-żewġ artikoli fuq indikati meta ġie utilizzat l-artikolu 738 tal-Kap. 12, l-esponenti ma jistgħux jifhmu l-portata ta’ l-argumenti mressqa, għax għajr allegazzjonijiet ta’ ħbiberija twila, liema allegazzjonijiet jistgħu anke jiġu mitqiesa bħala ta’ natura libelluża, ir-rikorrenti naqsu li jagħtu dettalji legali dwar kif attwalment seħħ dan l-allegat ksur u għalhekk l-esponenti jitolbu iktar elaborazzjoni dwar din l-allegazzjoni.

g) Illi, dwar l-utilizz ta’ l-artikolu 738 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-mod kif għandu jiġi applikat mill-Qrati, l-esponenti jistrieħu fuq dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet “Onor. Imħallef Dr. Anton Depasquale vs Avukat Ġenerali” deċiża fil-5 ta’ Ottubru 2001.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrihom.

Rat id-digriet tad-19 ta’ Mejju 2008 illi permezz tiegħu ġie imsejjaħ fil-kawża Dr. Pio Valletta u r-risposta tiegħu pprezentata fis-26 ta’ Awissu 2008 li permezz tagħha espona:

1. Illi l-esponenti jopponi għat-talbiet tar-rikorrenti Rosalie Darmanin *in quanto* għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u intiżi unikament biex ifixklu u jostakolaw l-andament tal-proċeduri ċivili fl-ismijiet “Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin” Cit Nru: 850/04 AF pendenti quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili.

2. Ir-rikorrenti tibbaża l-azzjoni odjerna tagħhom fuq allegat nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita’ ta’ l-Onor. Imħallef Anna Felice bħala l-Imħallef li tippresjedi l-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili quddiem liema hemm pendenti l-precitati proċeduri ċivili.

2.1 Hija tikkontendi li dan l-allegat nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita’ ta’ l-Onor. Imħallef Anna Felice jikser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq, imparzjali u indipendenti fil-preċitati proċeduri ċivili, bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Mill-ġurisprudenza in materja jirriżulta li *“impartiality” means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement The Tribunal must comply with* ***both*** *the subjective and objective test. The existence of impartiality for the purpose ofarticle 6(1) must be determined according to a subjective test that in on the basis of the personal conviction of a particulat judge in a given case and also according to an objective test that is, ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude and legitimate doubt in this respect …As to the subjective test the question is whether it can be shown on the facts that a member of the Court acted*

*with personal bias against the applicant. In this connection there is a presumption that a judge is impartial until there is proof to the contrary. Given this presumption and the need to prove actual bias rather than a legitimate doubt, as is the case under the objective test, it is not surprising that there has been no case in which a breach of a subjective test has been found – "Law of the European Convention on Human Rigħts – Harris O' Boyle, Warbrick, p. 234 et seq.*

3.1 *In quanto* rigwarda l-indipendenza tal-Qorti rikjesta *ai termini* ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-każistika tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem *in materia* jirriżulta li *several factors should be taken into account in determining whether a tribunal is independent for the purposes of Article 6(1). Regard must be had to: "…the manner of appointment of its members and the duration of the terms of their office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*

4. Mir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti joħroġ ċar li l-allegazzjonijiet ċentrali fuq liema huma jibbażaw it-talbiet tagħhom essenzjalment huma tnejn: (i) li oġġettivament l-Onor. Prim Imħallef Anna Felice ma setgħetx tkun imparzjali fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet "Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin" Cit Nru: 850/04 minħabba allegata ħbiberija twila bejnha u l-esponenti li tmur lura sa miż-żmien meta kienu fil-kors tal-liġi flimkien; u (ii) li l-Onor. Imħallef Anna Felice fil-fatt ma agixxietx b'mod imparzjali fl-imsemmija proċeduri ċivili għaliex bic-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti (konvenuta fl-imsemmija proċeduri ċivili) għar-rikuża tagħha f'dawk il-proċeduri soġġettivament uriet illi kienet parzjali lejn l-esponenti a detriment tar-rikorrenti.

4.1 Għalhekk jidher li bil-proċeduri odjerni r-rikorrenti in verita' qed ipoġġu fid-dubju l-imparzjalita' ta' l-Onor.

Imħallef Anna Felice iktar milli l-indipendenza tagħha jew tal-Qorti minnha presjeduta.

5. Is-soċjeta' esponenti tissottometti li fil-fatt waħdu li l-Onor. Imħallef Anna Felice u hu kienu fl-istess kors tal-liġi u b'hekk huma ħbieb, ma jwassalx għan-nuqqas ta' imparzjalita' ta' l-imsemmija Imħallef fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet "Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin" Cit Nru: 850/04, partikolarment fil-konfront tar-rikorrenti kif *invece* minnhom pretiż.

5.1 Din is-sottomissjoni issib konferma fid-deċiżjoni preliminari mogħtija mill-Ewwel Sezzjoni tal-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ "Salaman vs United Kingdom".

5.2 Kif riportat minn Clare Ovey u Robin C.A. White fil-ktieb tagħhom "The European Convention on Human Rigħts", fl-imsemmi każ *the Court was called upon to consider the effect of a judge's membership of the Freemasons. The applicant had brougħt proceedings to challenge the codicil of a will, made by a Freemason, which revoked an earlier will in favour of the applicant and left the property instead to a man claimed by the applicant also to be a Freemason. The applicant referred before the European Court to popularly held suspicions about the secretive, pervasive and corrupting nature of Freemasonry. The Court, however, did not consider that membership of a judge in the Freemasons in the United Kingdom could in itself raise doubts as to his impartiality where a witness or party in a case was also a Freemason, in particular, there was no reason to fear that a judge would not regard his oath on taking judicial office as taking precedence over any other social commitments or obligations. The applicant' s doubts as to the lack of impartiality of the judge were not objectively justified.*

*The Court commented that whether or not a problem could arise, for example, due to a judge's personal acquaintance with a fellow Freemason or due to the interests of a Freemason institution being in issue in a case would depend on all the circumstances. The same*

*applies whenever a member of a tribunal knows one of the parties to or witnesses at a trial.*

5.3 Għalkemm l-allegazzjonijiet diretti fil-konfront tal-ġudikant fl-imsemmi każ "Salaman vs United Kingdom" huma ferm iktar serji minn dawk imressqa mir-rikorrenti fil-konfront ta' l-Onor. Imħallef Anna Felice fil-proċeduri odjerni, ma hemmx dubju li l-prinċipji hemm enunċjati jsibu applikazzjoni anke fil-każ *sotto esame*.

5.4 Fid-dawl tal-preċitati prinċipji ġuridiċi għalhekk, jiġi ribadit illi s-sempliċi fatt li bejn l-Onor. Imħallef Anna Felice u l-esponenti, jista' jkun hemm ħbiberija twila sa miż-żmien meta kienu fl-istess kors tal-liġi, oġġettivament ma jqajjimx dubji raġonevoli dwar l-imparzjalita' ta' l-imsemmi Imħallef fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet "Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin" Cit Nru: 850/04, partikolarment fil-konfront tar-rikorrenti u, *there [is] no fear that [the] judge would not regard [her] oath on taking judicial office as taking precedence over any other social commitments or obligations.*

6. Is-soċjeta' esponenti tissottometti wkoll illi fil-każ odjern ma hemm ebda prova li soġġettivament turi illi fl-imsemmija proċeduri ċivili l-Onor. Imħallef Anna Felice aġixxiet b'mod parzjali fil-konfront tas-soċjeta' esponenti a detriment tar-rikorrenti.

7. Huwa prinċipju ġuridiku assodat fil-ġurisprudenza in materia li *opinions formed by the Judge on the basis of the facts introduced or events occurring in the course of the current proceedings, or of prior proceedings, do not constitute a basis for a biased or partiality notion unless they display a deep seated favouritism or antagonism that would make fair judgement impossible. Thus, judicial remarks, during the course of a trial that are critical or disapproving of, or even hostile to counsel, the parties or their cases ordinarily do not support a biased or partiality challenge.*

7.1 Fis-sentenza fl-ismijiet "Francis Xavier *sive* Frankie Mifsud vs Avukat Ġenerali", Rikors Nru. 582/97

deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta’ Novembru 2001, ingħad illi *filwaqt li hu indiskuss il-prinċipju illi “Althougħ a judge, of course, also has personal emotions also during the proceedings, he must not allow himself to be led by them during the hearing of the case and in the formation of his opinion” (Boeckmans vs Belgium, application 1727/72) hu daqstant ieħor paċifiku li mhux kull kumment, anke jekk ikun iebes da parte tal-ġudikant biex jassigura kondotta xierqa tal-proċess, ma kienx jikkwalifikah bħala parzjali. Il-prova soġġettiva ta’ parzjalita’ kellha mhux biss tkun konklusiva biex twaqqa’ l-preżunzjoni li l-ġudikant kien nieqes mill-preġudizzju w imparzjali, imma kellha tkun tali li tnissel il-konvinċiment illi ċ-ċirkostanzi li setgħu apparentement jidhru prova ta’ parzjalita’ kienu tali li ddetterminaw l-ġudizzju finali tal-ġudikant.*

7.2 Dawn il-prinċipji ġuridici huma *a loro volta* bbażati fuq il-prinċipju li l-biża’ ta’ parzjalita’ min-naħa ta’ parti f’proċeduri ġudizzjarji ma hijix suffiċjenti. Din il-biża’ trid tkun oġġettivament fondata.

Il-kriterju ġust li għandu jiġi addottat biex jiġi determinat jekk hemmx *o meno* nuqqas ta’ imparzjalita’ *da parte* tal-ġudikant fil-konfront ta’ waħda jew aktar mill-partijiet kontendenti huwa: *whether, having regard to (the relevant circumstances) there was a real danger of bias on the part of the relevant member of the tribunal in question, in the sense that he migħt unfairly regard (or have unfairly regarded) with favour or disfavour, the case of a party to the issue under consideration before him.*

7.3 Huma dawn il-prinċipji ġuridiċi li għandhom jiġu applikati biex jiġi determinat jekk iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għar-rikuża ta’ l-Onor. Imħallef Anna Felice fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet “Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin” Cit Nru: 850/04 tikkostitwixxix prova soġġettiva tan-nuqqas ta’ imparzjalita’ ta’ l-imsemmija ġudikant f’dawk il-proċeduri ċivili.

8. Is-soċjeta’ esponenti tissottometti li l-fatt waħdu li bid-digriet tas-16 ta’ Jannar 2008 fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet “Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin” Cit Nru:

850/04 l-Onor. Imhallef Anna Felice ċaħdet it-talba tar-rikorrenti odjerni (konvenuta f'dawk il-proċeduri) għar-rikuża tagħha, ma jwassalx għall-konklużjoni awtomatika li soġġettivament dik il-ġudikant ma aġixxietx b'mod imparzjali iżda, qed aġixxiet b'mod parzjali fil-konfront ta' l-esponenti a detriment tar-rikorrenti.

8.1 Dana ċertament ma jistax ikun mod ieħor għaliex altrimenti kull darba li ġudikant jiddeċiedi dwar talba ta' parti kontendenti għar-rikuża tiegħu fil-proċeduri pendenti quddiemu, partikolarment jekk jiċħad tali talba, jista' jiġi akkużat b'nuqqas ta' imparzjalita' bl-iskop li l-proċess ġudizzjarju jiġi stultifikat minn dik il-parti li ma għandha ebda interess li tara, u ma tridx, li l-proċeduri ġudizzjarji in kwistjoni jiġu finalment determinati u li ssir ġustizzja – li huwa eżattament dak li jridu jottjenu r-rikorrenti bil-proċeduri odjerni.

8.2 Fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għal dak espost, mill-atti proċesswali tal-kawża fl-ismijiet "Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin" Cit Nru: 850/04, partikolarment mid-digriet tas-16 ta' Jannar 2008 ma jirriżulta assolutament xejn li soġġettivament juri *a real danger of bias da parte* ta' l-Onor. Imħallef Anna Felice li jista' jwassalha [to] *unfairly regard (or have unfairly regarded) with favour or disfavour, the case of party to the issue under consideration before*[her].

Ma hemm assolutament xejn x'juri *deep seated favouritism or antogonism* da parte ta' l-Onor. Imħallef Anna Felice *that would make fair judgement impossible.*

8.3 L-Imħallef in kwistjoni ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għar-rikuża tagħha għaliex *ma teżisti ebda ċirkostanza illi skond il-liġi l-Qorti għandha tirrikuża ruħha* u fil-verita' ma setgħetx għajr li tiċħad tali talba, formulata fuq l-allegazzjoni li hemm dubji serji dwar l-imparzjalita' tagħha minħabba ħbiberija twila illi hija għandha ma' waħda mill-partijiet, għaliex fil-ġurisprudenza nostrali *ġie dejjem ritenut illi l-każijiet li fihom Imħallef jista' jastjeni jew jiġi rikużat huma dawk biss tassativament imsemmija fl-*

*imsemmi artikolu* – l-Artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

8.4 B'hekk lanqas mill-lat soġġettiv ma rriżulta nuqqas ta' imparzjalita' *da parte* ta' l-Onor. Imħallef Anna Felice fil-proċeduri ċivili fl-ismijiet "Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin" Cit Nru: 850/04.

9. Għalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti li fil-kors ta' l-imsemmija proċeduri ċivili fl-ismijiet "Dr Pio M. Valletta vs Rosalie Darmanin" Cit Nru: 850/04, anke minħabba l-provvedimenti enunċjati fl-Artikolu 738 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq, indipendenti u imparzjali bi ksur ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti *stante* li huma soġġettivament u oġġettivament infondati.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu iktar 'il fuq espost, is-soċjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif magħmula fir-rikors tal-21 ta' Jannar 2008 *in quanto* nfondati fil-fatt u fid-dritt u kompletament frivoli u vessatorji, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat id-digrieti ta' astensjoni tal-Onorevoli Imħallef Giannino Caruana Demajo u l-Onorevoli Imħallef Joseph Zammit Mckeon;

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ir-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni illi ċ-ċaħda għat-talba tagħha biex l-Onorevoli Imħallef Anna Felice tastjeni milli tkompli tisma' l-kawża li hija intavolat quddiem din il-Qorti, tikkostitwixxi ksur tad-dritt

fundamentali tagħha li jkollha smiegħ ġust minn Tribunal imparzjali skond l-artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja msemmija fir-rikors promotur. Fir-rikors hija ssemmi l-fatt li l-istess Onorevoli Imħallef u l-intimat f'dik il-kawża kienu parti mill-istess kors universitarju illi naturalment wassalhom biex it-tnejn li huma saru Avukati.

Dwar dan il-punt sewwa irrimarka l-imsejjaħ fil-kawża fir-risposta tiegħu illi dan it-test ta' l-imparzjalita' jrid ikun kemm oġġettiv u kemm suġġettiv. (**"Mifsud vs Avukat Ġenerali" –** Qorti Kostituzzjonali 2 ta' Novembru 2001). F'din is-sentenza ġew ċitati l-awturi **Harris, O' Boyle u Warbrick –** *The existence of impartiality for the purpose of article 6(1) must be determined according to a subjective test that is on the basis of the personal conviction of the judge in a given case and also to an objective test, that is whether the judge offered guaratees sufficient to exclude and legitimate doubt in this respect ... In this connection there is a presumption that a judge is impartial unless there is proof to the contrary.*

Il-Qorti taqbel ukoll ma' l-argument imressaq mill-kjamat fil-kawża li l-każ deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem fl-ismijiet **"Salaman vs United Kingdom"** (5 ta' Marzu 1999) kien jirrigwardja każ ferm iktar serju mill-allegata ħbiberija fil-każ odjern. Fil-każ imsemmi l-Qorti iddeċidiet li l-fatt li l-Imħallef konċernat u wieħed mill-kontendenti kienu jiffurmaw parti mill-istess setta massonika ma kien jikser id-dritt tal-litigant li jkollu tribunal imparzjali. Sewwa ukoll ikkummentaw l-intimati li f'pajjiżna fejn għandna Universita waħda u Qorti waħda, dan jista' jfisser li kull litigant li jkollu Avukat bħala kontro-parti jista' jilmenta li ma jistax ikollu smiegħ xieraq. Dan l-argument irendi f'farsa l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-Qorti hija tal-fehma li fis-sustanza, ir-raġunijiet indikati fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili bħala raġunijiet li għalihom il-ġudikant għandu jastjeni (artikolu 734), huma suffiċjentement wiesgħa biex jassiguraw smiegħ xieraq minn ġudikant (u allura Qorti) imparzjali. Anzi l-Qorti kemm-il darba iddeċidiet li dawk is-sitwazzjonijiet huma biss dawk tassattivament indikati fl-istess artikolu 734.

(**“Licari Estates Ltd vs Mohnani” –** Prim’ Awla – 19 ta’ Frar 2001). Dan huwa ċertament intiż biex ħadd ma jabdika r-responsabbiltajiet tiegħu bħala ġudikant għal raġunjiet frivoli u anke għaliex altrimenti jista’ jkollok sitwazzjoni fejn parti tipprova *tagħżel* il-ġudikant li quddiemha tinstema’ l-kawża tagħha – sitwazzjoni perikoluża għall-aħħar li żgur għandha tiġi evitata akkost ta’ kollox.

L-istess rikorrenti pero’ ma tantx dehret konvinta minn din il-kawżali tant li fit-trattazzjoni tad-difensur tagħha l-aċċenn ma kienx wisq fuq dan il-fatt iżda għaliex skond id-depożizzjoni tagħha hija kienet semgħet (biex wieħed ikun eżatt xi ħadd *wassallha*) li l-Imħallef imsemmija, meta kienet għadha mhux elevata għall-ġudikatura, kienet qed titkellem ma’ xi nisa oħra f’post partikolari u qalet (b’riferenza għall-istess rikorrenti) li din kienet *ġia’ ħaditlu biżżejjed* lil Dr Valletta fil-perjodu li damet tgħix miegħu. Ir-rikorrenti semmiet ukoll il-fatt li meta kienet tkun il-Qorti fil-bidu tal-proċeduri ġie li rat lil Dr Valletta jitkellem ma’ l-istess Imħallef (dejjem kienet għadha Avukat u mhux Imħallef) u anke jidħku. Għalhekk skond hi, tħoss li se tkun preġudikata kontra tagħha.

Il-Qorti l-ewwelnett tħoss illi fir-rigward ta’ x’wasslulha, dak li xehdet ir-rikorrenti ma hux ammissibbli għaliex kjarament *detto del detto* jew *hearsay*. Barra minn hekk anke jekk tkun ammessa *prima facie*, xorta ma hija attendibbli xejn u wisq inqas tista sservi ta’ bażi tat-talba tagħha f’din il-kawża meta l-allegat diskors sar meta l–Imħallef imsemmija ma kienitx għadha ġiet elevata għall-Ġudikatura u allura kif jgħidu t-Taljani *in tempi non sospetti.* Ma jistax ikun li x’qal (jew x’ kiteb) ġudikant fil-passat (fis-sens li qalu meta kien għadu Avukat jew għaliex le, student!) jiġi wżat biex wieħed jitfa’ dell fuq l-imparzjalita’ tiegħu jew tagħha f’kawża partikolari. Din il-kawżali tfalli għal kollox mit-test imsemmi aktar qabel. Il-Qorti Ewropeja qalet li anke meta l-Imħallef konċernat ikun ta deċiżjonijet preliminari ma kienx ta’ impediment għalih biex jisma’ l-każ kollu (**“Hauschildt vs Denmark”** – 24 ta’ Mejju 1989). Fl-istess każ il-Qorti qalet li:

*"Any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw. This implies that ... the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held objectively justified."*

Fil-kaz deċiż mill-Qorti ta' l-Appell Ingliża **"Key vs Eastpiller Limited (1994)"** il-Qorti qalet li Imħallef li kien sħab f'ditta ta' Avukati sitt snin qabel u kien ta' parir bħala tali lil persuna assoċjata ma' l-attur fil-kawża ma kellux jastjeni għaliex *"there was no suggestion that the Judge was directly concerned when he was a practising solicitor with the present dispute."*

Il-Qorti tħoss għalhekk li jekk ir-rikorrenti għandha xi biża' dan huwa għal kollox mhux ġustifikat. Fil-każi msemmija l-aggravji kienu *semmai* aktar gravi minn dak li qed tallega r-rikorrenti u dan f'pajjiżi ħafna ikbar minn tagħna fejn in-numru tal-ġudikanti huwa wkoll ħafna ikbar minn dak tagħna. Jekk ir-rikorrenti rat lill-kontro-parti f'diskorsata ma' l-Imħallef imsemmija – dejjem fi żmien meta żgur ħadd ma kien jaħseb li l-affarijiet kienu se jwasslu għal dan ix-xenarju, dan ma jikkostitwixxi ebda dell fuq l-imparzjalita' tal-ġudikant in kwistjoni u għalhekk ma jippreġudika ebda parti bl-ebda mod. Id-difensur tar-rikorrenti anke aċċenna għall-fatt li żewġ Imħallfin oħra (imsemmija aktar 'il fuq) astjenew milli jisimgħu din il-kawża għaliex ukoll kienu fl-istess kors tal-liġi ta' Dr Valletta u donnu implika li allura l-Imħallef Felice kellha tagħmel l-istess. Dan ċertament mhux il-każ għaliex dawn iż-żewġ Imħallfin kellhom jastjenu *una volta* r-rikorrenti kienet qed tattakka d-digriet mogħti mill-Qorti preseduta mill-Imħallef Felice proprju fuq dan il-fatt. In vista ta' dan kollu ukoll, l-artikolu 738 ma jikkostiwixxi ebda ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet relattivi ta' l-intimati u imsejjaħ fil-kawża u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti; l-ispejjeż ikunu a kariku ta' l-istess rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------